MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 71/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Noel Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Noel Farrugia iben Carmel u Josephine nee' Mifsud, imwieled San Giljan fis-26 ta' Jannar 1979 u residenti gewwa 6, Maria Dolores, Triq il-Qawsalla, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 205180M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Novembru 2010 u matul l-ahhar sena qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-7 ta’ Novembru 2008 mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi jidher li l-imputat irriforma ruhu, irrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u ghandu hajja stabbli, b'impjieg fiss. Minn naha l-ohra, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat li tinkludi diversi kundanni, fosthom tnejn dwar reati li jinvolvu d-droga u l-fatt illi l-istess imputat huwa wkoll recidiv. F'dan ir-rigward, ghalkemm is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fis-7 ta' Novembru 2008, ma gietx esebita, il-Qorti rat illi fis-seduta tat-23 ta' April 2012, id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tesebixxi din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' tmien mija u hamsin Euro (€850) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' €100, bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Stante li ma gewx nominati esperti f'din il-kawza, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------